MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Numru 58/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Anthony Grech 29 sena bin Emanuel John u Josephine nee' Cini, imwieled Victoria nhar is-27 ta' Frar 1984, residenti fil-fond numru 29, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug u detentur tal-karta ta'l-identita' numru 12984(G)**

U

**Ian Joseph Buttigieg 23 sena, bin Joseph u Adelina nee' Xuereb, imwieled Victoria nhar it-08 ta' Mejju 1990, residenti fil-fond numru 39, Triq Madre Gemma Camilleri, Nadur u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 17090(G)**

**U**

**Mike George Caruana 21 sena, bin Joseph u Luiga nee' Camenzuli imwieled Victoria, nhar il-15 ta' Novembru 1992, residenti fil-fond nurmu 18, Triq Dun Salv Portelli, San Lawrenz u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 1193G**

**U**

**Matthew Saliba 19 sena, bin Joseph u Elizabeth nee' Apap, imwieled Victoria nhar il-25 ta' Ottubru 1994, residenti fil-fond numru San Crest Anici Street, Victoria u detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 2595G**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Anthony Grech, Ian Joseph Buttigieg, Mike George Caruana u Matthew Saliba li gew akkuzati talli fil-lejl ta' bejn id-09 ta' Gunju u l'10 ta' Gunju 2010 gewwa l-inhawi ta' taht il-Fanal tal-Gordan (Ghawdex) ghal habta ta' bejn il-hdax u nofs ta' bil-lejl (2330hrs) u is-siegha u nofs ta' filghodu (0130hrs):-

1. Ikkaccjaw jew ipprova jikkaccjaw, hadu jew ipprovaw jiehdu b'xi mezz l-fenek selvagg minghajr ma kellhom fil-pussess taghhom licenza valida kif japplika u dan bi ksur ta' regolament 3(4) tar-Regolamenti ta'l-1993 dwar il-Harsien ta'l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg (A.L.146 ta'l-1993) hekk kif emendat;
2. wettqu xi attivita li dwarha hu mehtieg xi licenzja taht ir-Regolamenti ta'l-1993 dwar il-Harsien ta'l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg (A.L.146 ta'l-1993) minghajr ma kisbu l-licenzja relattiva skond il-kundizzjonijiet stipulati taht Skeda VI li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u dan bi ksur tar-regolament 4(1) tar-Regolamenti ta'l-1993 dwar il-Harsien ta'l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg (A.L. 146 ta'l-1993) hekk kif emendat.

3. garrew arma tan-nar, biex jfittxu jew grew wara, jew ikkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw il-fenek selvagg minghajr ma kellhom fuqhom il-karta tal-identita jew xi mezz iehor ta' identifikazzjoni u l-licenza adatta ghal dik l-attivita mahruga lilhom taht l-A.L.146 ta'l-1993 jew taht xi ligi ohra u dan bi ksur ta' regolament 7 ta'l-A.L. 146 ta'l-1993 hekk kif emendat.
4. talli fl-istess data, lok, perijodu u cirkostanzi ikkonfoffaw jew ittantaw jew ghenu hajjru taw parir jew flus lil xi hadd iehor biex jiksru xi disposizzjoni bhal dawk (inkluza ordni leggittimament moghtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti) jew biex jiksru xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht ir-regolamenti ta'l-A.L. 79 ta'l-2006 kif sussegwentement emendat.
5. fl-istagun miftuh ghat-tehid tal-fenek selvagg, ghamlu il-kacca tal-fenek minghajr ma kellhom licenzja applikabbli ghal min ikollu karta ta' registrazzjoni li turi li hu bidwi sabiex jaghmel il-kacca tal-fenek selvagg fuq ir-raba tieghu stess minghajr ma kellhom licenzja mahruga lilhom wara li haddiehor li kellu karta ta' registrazzjoni ta' bidwi ghadda d-dritt tieghu lilhom sabiex jaghmlu il-kacca tal-fenek selvagg fuq ir-raba tieghu u dana bi ksur ta' regolament 9(1)(e) u 18(2) ta'l-A.L. 146 ta'l-1993 hekk kif emendat.
6. filwaqt li kienu gewwa jew fuq xi vettura bil-mutur, zammew arma tan-nar ikkargata jew barra mill-ghata taghha, jew daru ghall-kacca ghall-fenek selvagg, jew ikkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw, jiehdu jew jippruvaw jiehdu xi fenek selvagg u dana bi ksur ta' regolament 9(1)(h) ta'l-A.L. 146 ta'l-1993 hekk kif emendat.
7. bejn saghtejn wara nzul u saghtejn qabel tlugh ix-xemx tal-gurnata ta' wara, ikkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw, jew hadu jew ippruvaw jiehdu xi fenek selvagg b'kull mezz li jkun jew garrew arma tan-nar ikkargata jew barra mill-ghata taghha bi ksur ta' regolament 15(1) ta'l-A.L. 146 tal-1993 hekk kif emendat.
8. talli ikkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw jew hadu jew ippruvaw jiehdu xi fenek selvagg bl-uzu ta' dawl artificjali u dana bi ksur ta' regolament 15(2) ta'l-A.L. 146 ta'l-1993 hekk kif emendat.

Lil Ian Joseph Buttigieg wahdu talli:
9. nhar il-10 ta' Gunju 2010 u erbgha xhur qabel din id-data gewwa l-Ghasri u postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar ta'l-ghamla Springield bin-numru B044046 u munizzjon minghajr licenzja tal-Kumissarju tal-Pulizija bi ksur tal-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.
10. akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi zamm jew garr arma tan-nar li kienet ikkargata jew bl-iskratac fil-kompartament ta'l-arma jew barra l-ghata taghha jekk mhux f'post fejn huwa permess l-isparar fuq il-kacca.
11. akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kellu arma tan-nar li kellha kompartiment li jiehu aktar minn zewgt iskratac fil-magazine.

U lil Anthony Grech wahdu talli:

12. Nhar id-09 ta' Gunju 2010 mill-Munxar ghaz-Zebbug ghal habta tal-hamsa ta' wara nofs in-nhar (1700hrs) saq vettura tal-ghamla Peugeot 205 bin-numru tax-xassi VF320AC1101097684 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura u b'hekk ma kienx kopert b'licenzja jew polza ta'l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwizti fl-atti jirrizulta illi fil-lejl bejn id-09 u l-10 ta' Gunju 2010, l-pulizija kienu ircevew diversi telefonati fejn gew infurmati illi fl-area maghrufa bhala ta' Ghajn Mhellel kien qed isir il-kacca ghal fenek. Illi

ghalhekk saret tfittxija fl-inhawi mis-Surgent 676 Edelon Spiteri, il-PC 138 Joseph Portelli u il-138 Felix Sammut u s-surgent 342 Johann Said. Malli wasslu fuq il-post, il-pulizija osservaw xi dawl artificjali fit-telgha tal-Gordan. Huma komplew it-tfittxija taghhom fejn sabu zewg zghazagh bil-qieghda fid-dlam li dak il-hin stqarrew li kienu marru hemm ghal passiggjata. Dawn kienu l-imputati Ian Joe Buttigieg u Matthew Saliba. Saret tfittxija fuqhom li irrizultat fin-negattiv. Il-pulizija komplew bit-tfittxija taghhom fejn f'xi ghalqa fil-vicin instabet vettura tal-ghamla Peugeot 205 kulur iswed li kellha zewg toqob fis-saqaf taghha u li kellha armat maghha *spotlight* liema *spotlight* kienet ghadha imqabbda mal-batterija ta' dina il-vettura. Gewwa il-vettura instabu zewgt ifniek li kienu jidhru li kienu ghadhom kemm inqatlu u borza kontenenti tlettax-il skartocc. Fil-vettura instabet ukoll bicca karta li fuqha kellha miktub il-kliem: "*If you want to move the car can call on 79204453*." Illi dawn iz-zewg zghazagh gew arrestati u interrogati. Illi minn investigazzjonijiet ulterjuri maghmula mill-pulizija irrizulta illi in-numru tat-telefon cellulari misjub fil-vettura kien jappartjeni lill-imputat Anthony Grech li ukoll gie mitkellem mill-pulizija. Illi minn tfittxija ulterjuri li ghamlu l-pulizija fuq il-post instabet arma tan-nar u cioe' senter bin-numru serjali B044046 li gewwa fih kellu erba' skratac indentici bhal dawk misjuba fil-vettura.  Dina l-arma tan-nar instabet ftit 'il boghod mill-vettura.

Illi l-erba imputati jigu interrogati u iwiegbu ghal mistoqsijiet kollha li isirulhom mill-Ufficjal Investigattiv u jammettu illi f'dik il-lejla huma kienu hargu flimkien sabiex jikkaccjaw il-fenek selvagg. Illi huma jaqblu bejniethom dwar il-verzjoni tal-fatti kif sehhew f'dik il-lejla ghalkemm l-ebda wahda minn dawn l-istqarrijiet ma tista' tingieb bhala prova fil-konfront ta' xi akkuzat iehor u dana b'applikazzjoni tar-regola dezunta fl-artikolu 636(b) tal-Kapitolu 9. Illi l-imputat Ian Joe Buttigieg jistqarr illi ghal habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl huwa kien iltaqa' ma' Anthony Grech u ma' Matthew Saliba hdejn il-knisja taz-Zebbug. Minn hawn huma marru id-dar ta' Grech fejn rikkbu fil-vettura Peugeot 205 u marru ghal kacca. Jammetti illi mieghu ha senter li kien sab madwar xahar

qabel mohbi go kamra id-dar tieghu, liema kamra ma kienet tintuza minn l-ebda wiehed mil-membri tal-familja tieghu. Ighid illi dana is-senter kien jintuza minn missieru u zijuh izda wara li dawn it-tnejn mietu il-kamra bl-affarijiet ta' go fiha baqghet maghluqa u hadd iktar ma dahal fiha. Meta dahal jirranga dina l-kamra sab is-senter mohbi taht is-sodda bejn is-saqqu u l-injama.

Ikompli jirrakkonta illi f'dik il-lejla Grech kien saq il-vettura u irhewlha ghal taht il-Fanal. Ighid illi fuqu kellu erba skratac, izda ma jafx ta' min kienu l-iskratac l-ohra. Jammetti illi huwa spara ghal fuq zewgt ifniek u wara ftit tal-hin gew il-pulizija u sabu lilu u lil Matthew Saliba, filwaqt illi Grech u l-imputat Mike George Caruana harrbu minn fuq il-post. Is-senter ighid li remieh fuq il-post ftit qabel wasslu l-pulizija[1].

Illi l-imputat Anthony Grech jistqarr ukoll illi kienu ghal habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl meta huwa iltaqa' ma' shabu u cioe' l-imputati l-ohra peress illi gurnata qabel kienu ftehmu li kienu ser imorru jikkaccjaw il-fniek. Ighid illi l-vettura Peugeot kien xtraha flimkien ma' Mike George Caruana minn ghand Stephen Mamo  ghall-prezz ta' €100, fejn hu kien hareg l-ammont ta' €50 u Caruana kien hareg in-nofs l-iehor. Ighid illi dina il-vettura zebaghha sewda u ghamel zewg toqbiet fis-saqaf halli ikunu jistghu iqumu bil-wieqfa meta ikunu qed jikkaccjaw. Ighid illi marru taht il-Fanal ta' Gordan u s-senter kien ghand l-imputat Buttigieg. Wara ftit lemhu lill-pulizija, tfew id-dawl u wasslu l-pulizija fuqhom fejn qabbdu lil Buttigieg u lil Saliba, u wara qabbdu lilu u lil Caruana. Jammetti illi l-*ispotlight* kien tieghu kif ukoll ftit mill-iskratac li instabu mill-pulizija, filwaqt li l-ohrajn kienu ta' Ian Joe Buttigieg. Ighid ukoll illi kien Buttigieg li spara fuq il-fniek[2].

L-imputat Mike George Caruana essenzjalment jikkonferma dak li ighidu shabu fl-istqarrijiet taghhom. Jammetti illi huwa xtara il-vettura Peugeot flimkien ma'l-imputat Anthony Grech ghal habta tal-erbgha u nofs, il-

[1] Ara stqarrija ta'l-imputat Ian Joe Buttigieg a fol. 14 u 15
[2] Ara stqarija ta'l-imputat Anthony Grech a fol 17 u 18

hamsa ta'wara nofs in-nhar u kien Anthony li saqha lejn id-dar. Ighid illi kien l-istess Anthony Grech li saqha dak in-nhar meta harrgu ghal kacca. Ighid illi huma kienu zebghu dina il-vettura sewda u ghamlu zewg toqbiet fis-saqaf. F'dik il-lejla ighid illi kien l-imputat Buttigieg li spara ghal fniek. Ighid ukoll illi l-*ispotlight* kien ta' Grech filwaqt li l-iskratac kienu ta' Grech u ta' Buttigieg[3].

Matthew Saliba minn naha tiehu jistqarr illi marru ghal kacca hu u shabu bil-vettura ta' Grech li kienet tinsab go ghalqa taht is-sies vicin id-dar tieghu fiz-Zebbug. Flimkien marru ghal kacca u ghaddew minn tac-Caqra ghal taht il-Fanal. Ighid illi Grech kien qed isuq. Is-senter kien ghand Ian Buttigieg u fil-fatt ighid illi kienu hu li spara lejn il-fniek fejn qabbdu tnejn. Wara raw d-dawl tal-pulizija u tfew id-dawl taghhom. Ighid illi l-pulizija qabbduhom ftit il boghod mill-vettura[4].

Illi l-imputati ma jixdhux fil-kawza u iressqu bhala xhud lil certu Stephen Mamo li biegh il-vettura Peugeot lil tnejn mill-imputati. Il-Qorti tistqarr illi ma hijiex ser tistrieh fuq dina ix-xhieda billi x-xhud qajla jiftakar ic-cirkostanzi wara il-bejgh ta' dina il-vettura ghajr ghal fatt illi huwa kien wassal dina il-vettura permezz ta' *high up* gewwa post fl-Ghasri. Huwa qajla jaghraf lill-imputati li allegatament xtraw dina il-vettura minn ghandu, la jindika ezatt il-post fejn wassal dina il-vettura u ighid illi dina il-vettura kien ilu li bieghhielhom madwar hames snin u li din ma kenitx funzjonabbli. Illi dan ma jaqbilx ma' dak li jistqarru l-imputati Caruana u Grech fl-istqarrijiet tahhom fejn ighidu illi dina il-vettura kienu ghadhom kemm xtrawha minn ghand dan Mamo u li kien Grech li saqha minn fuq il-post lejn iz-Zebbug. Inoltre Saviour Farrugia, rapprezentant tat-Transport Malta meta xehed fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2010 ighid illi din il-vettura hija registrata fuq Stephen Mamo u li kienet ilha hekk registrata sa mid-19 ta' Jannar 2009.

Ikkunsidrat,

---

[3] Ara stqarrija ta'l-imputat Mike George Caruana a fol. 20 u 21
[4] Ara stqarrija ta' Matthew Saliba a fol. 23 u 24 tal-process.

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta indubbjament ippruvat illi fil-lejla indikata fl-akkuza l-imputati kienu ftiehmu biex johorgu ghal kacca tal-fniek selvagg. Ghalhekk tnejn minnhom u cioe’ l-imputati Grech u Caruana akkwistaw vettura tal-ghamla Peugeot 205 minn ghand certu Stephen Mamo bil-ghan illi juzawha propju biex imorru ghal kacca. Fil-fatt huma zebghuha sewda biex ma tidhirx fid-dlam u anke ghamlulha zewg toqbiet fis-saqaf taghha biex ikunu jistghu jarmawha bl-*ispotlight* u anke joqgodu bil-wieqfa fiha. Ma hemmx dubbju lanqas illi kien l-imputat Anthony Grech illi saq dina il-vettura minn ghand Mamo lejn id-dar tieghu fiz-Zebbug fejn saru l-alterazzjonijiet u imbaghad saqha f’dik il-lejla lejn iz-zona fejn huma marru jikkaccjaw. Dak in-nhar Grech ha mieghu *spotlight* u xi ftit skratac, filwaqt illi kien l-imputat Ian Joe Buttigieg li ha senter tal-kacca mieghu u xi skratac ohra li kien sab f’kamra maghluqa fid-dar tieghu. Kif wasslu fuq il-post jidher illi armaw id-dawl u Buttigieg spara lejn zewgt ifniek u qatilhom. Dawn instabu mill-pulizija maqtulin fil-vettura flimkien ma’l-i*spotlight* li kien ghadu imqabbad mal-batterija tal-vettura. Dana kollu jirrizulta kemm mill-ammissjonijiet li jaghmlu kull wiehed mill-imputati fl-istqarrijiet rispettivi taghhom kif ukoll mill-provi cirkostanzjali li hemm fl-atti.

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet sensiela ta’akkuzi fil-konfront ta’l-imputati li ser jigu ezaminati serjatim mill-Qorti. Illi ma hemmx dubbju illi l-ewwel zewg akkuzi jirrizultaw ippruvati mill-fattispecje tal-kaz kif imfissra iktar ‘il fuq ghalkemm dawn iz-zewg akkuzi huma komprizi u involuti ‘il wahda fl-ohra.  Illi t-tielet akkuza tipprospetta ir-reat ikkontempla fir-regolament 7(3) ta’l-Avviz Legali 146 ta’l-1993 li jiddisponi illi kull persuna li tkun qieghda ghal kacca ghandha jkollha fuqha il-karta ta’l-identita jew licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija. Illi dina il-prova ma saritx mill-prosekuzzjoni. Illi ma jidhirx illi l-pulizija talbu dina l-karta ta’l-identita jew licenzja lill-imputati meta gew imwaqqfa. Lanqas ma giet mitluba lihom mill-Ufficjal Investigattiv meta kienu qed jigu interrogati. Kwindi fid-dawl ta’ tali nuqqas, l-imputati ser jigu illiberati minn dina l-akkuza. Lanqas ma tirrizulta ippruvata ir-raba akkuza billi ma

hemm xejn fil-provi li tindika illi huma ghamlu skongura bejniethom sabiex ihajjru lil xi terza persuna tikser il-provvedimenti ta’ dina l-ligi.

Illi l-hames, is-sitt kif ukoll is-seba akkuzi akkuzi huma simili ghal dawk migjuba ‘il quddiem fl-ewwel u it-tieni akkuzi u ghalhekk l-Qorti ser issib htija dwar l-istess bl-applikazzjoni madanakollu ta’l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 ghal dina l-akkuza.  Ma hemmx dubbju illi l-istagun ghal kacca tal-fenek selvagg kien maghluq. Kif lanqas ma hemm dubbju illi huma kienu qed igorru fil-vettura maghhom arma tan-nar ikkargata u barra l-ghata taghha. Fil-fatt il-pulizija ighidu illi fis-senter instabu erba’ skratac fil-magazine tieghu.

Illi l-istess jista’ jinghad ghat-tmien akkuza billi ma hemmx dubbju illi l-imputati kienu qed jaghmlu uzu minn dawl artificjali sabiex jikkaccjaw ghal fniek. Dana l-*ispotlight* instab fuq il-post u huwa esebiet in atti u jidher li kien jappartjeni lill-imputat Anthony Grech li fl-istqarrija tieghu jammetti li kien tieghu.

Illi id-disa’,  l-ghaxar u il-hdax-il akkuza huma diretti biss fil-konfront ta’l-imputat Ian Joe Buttigieg. Dawn kollha jikkoncernaw l-arma tan-nar li huwa stess jammetti li kien sabha f’kamra maghluqa fid-dar tieghu flimkien ma’ munizjon. Ma hemmx dubbju illi dina l-arma tan-nar ma kenitx licenzjata fuq l-imputat u dana kif jirrizulta mix-xhieda tal-PS369 Joseph Mizzi. Ma hemmx dubbju lanqas illi kien l-imputat Buttigieg illi garr dina l-arma tan-nar li instabet, kif diga inghad, b’erba skratac fil-magazine taghha, u li kien hu li uzaha u spara ghal fuq il-fniek misjuba mill-pulizija. Kwindi anke dawn l-akkuzi jirrizultaw ippruvati.

L-ahhar akkuza tirreferi biss ghall-imputat Anthony Grech. Din tikkoncerna is-sewqan tal-vettura Peugeot 205 minghajr licenjza tas-sewqan u minghajr licenzja tat-triq u kwindi minghajr assikurazzjoni. Illi ghalkemm il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi kien l-imputat Anthony Grech li saq dina il-vettura kemm meta giet mixtrija minn ghand Stephen Mamo lejn id-dar tieghu fiz-Zebbug kif ukoll fil-

lejla in kwistjoni lejn il-post fejn l-imputati marru biex jikkaccjaw, madanakollu il-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova sabiex tindika jekk dina il-vettura kienetx koperta b'licenzja valida jew inkella jekk l-imputat kellux licenzja tas-sewqan. Saviour Farrugia, rapprezentant tat-Transport Malta jixhed u ighid biss illi l-vettura hija registrata fuq Stephen Mamo sa mid-19 ta' Jannar 2009 u jieqaf hemm. Kwindi dina l-akkuza ma gietx sodisfacentement ippruvat u l-imputat Anthony Grech ser jigi illiberat minnha.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta fil-konfront ta'l-imputati il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi tnejn mill-imputati kienu minorenni fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat u cioe' l-imputati Mike George Caruana u Matthew Saliba u li ikkoperaw mal-pulizija fl-investigazzjonijiet.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 3(4), 4(1), 9(1)(e)(h), 15(1)(2), 18(2), 21(1)(2)(a) ta'l-Avviz Legali 146 ta'l-1993 u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll fil-konfront ta'l-imputat Ian Joseph Buttigieg, l-artikolu 5(1), 51(2) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 8 u 9(5) ta'l-Avviz Legali 146 ta'l-1993 u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-konfront ta'l-imputati Mike George Caruana u Matthew Saliba l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati kollha hatja ta'l-ewwel, it-tieni, il-hames, is-sitt, is-sebgha u it-tmien akkuza, issib lill-imputat Ian Joseph Buttigieg wahdu hati ukoll tad-disa', l-ghaxar u hdax-il akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tillibera lill-imputati kollha mit-tielet u ir-raba akkuzi u tillibera lill-imputat Anthony Grech mit-tnax-il akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tikkundanna lill-imputati Mike George Caruana u Matthew Saliba ammenda kull wiehed ta' hamsa u hamsin ewro (€55), lill-imputat Anthony Grech multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250) u lill-imputat Ian Joseph Buttigieg multa ta' tminn mitt ewro (€800).

Il-Qorti tordna il-konfiska tad-Dokumenti EC1, EC2 u EC3.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------